GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 3 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju 2009, fil-5.30 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Anġelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti
2. Tagħrif mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Materji Finanzjarji – (a) Petty Cash Mejju – Gunju 2009; (b) Skeda tal-Ħlas Gunju 2009;
5. Ħatra ta' Sotto-Kumitati;
6. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

---

**1. Minuti**

Il-Minuti tat-Tieni Seduta ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

Dwar l-iskema ta' l-ETC "Xoghol fil-Komunita" is-Segretarju qalet li din inholqot sabiex nies li qeghdin jirregistraw jigu integrati fid-dinja tax-xoghol. Dawn il-partecipanti se jahdmu 30 siegha fil-gimgha mis-07.00 sas 13.00pm. Din l-iskema se tkun moniterjata kontinwament minn spetturi ta' kumpanija privata bi spezzjonijiet specifici u ndividuali. Kull entita' ghandha tinforma bil-miktub lill-Bord responsabbli bil-post preciz fejn kull partecipant se jkun qed jahdem. Kull entita' trid tkun disponibbli f'kaz li jkun hemm il-htiega ta' xi xhieda f'cirkostanzi fejn ikunu ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' xi partecipant. Dan jghodd kemm ghall-qrati kif ukoll ghall xi Bord Governattiv ta' l-appelli. Il-persuni iridu jkunu provduit b'ilbies protettiv u hwejjeg ohra relatati meta n-natura tax-xoghol tkun titlob dan.

Dwar l-Untours Insurance is-Segretarju qalet li ccekkjat dwar il-policy excess u qalet li din dejjem hekk kienet u t-talba tal-Kunsill hija inqas mil-policy excess. Il-Kunsill unanimament qabel li Ms Dorianne Scicluna li talbet li tithallas ta' l-ispejjez meta tabella waqghet fuq il-karrozza taghha waqt li kienet ipparkjatatinghata hlata' l-ispejjez.. L-ispejjez ma jistghux ikunu aktar mil-kwotazzjoni li gabet li tammonta ghal €288.68.

**3. Korrispondenza**

3.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienu waslu ittri/emails mingħand :-

a) E-mail mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 37/2009; re:- Garanzija Bankarja fuq Xogħlijiet ta' Żvilupp; e-mail ohra dwar Memo 42/2009 dwar Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet, 2010; Memo 43 u 44/09, rigward jekk sarx serq ġol-Kunsill Lokali matul is-sena 2009 u l-oħra jekk qatt sarx xi reat fuq xi membri tal-Kunsill bejn is-sena 1999 u 2009 rispettivament, dawn inagħataw risposta li qatt ma' sar serq jew reat fil-perjodu rikjest. Reminder dwar Memo18/09 fuq attivitajiet addizzjonali li joffri l-Kunsill Lokali. Ircevejna ukoll Memo 45/2009 dwar Avviz Legali li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat.

Is-Sur Abdilla talab li jara liema huma t-toroq fejn saru li Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat ghax il-Kunsill qatt ma talab biex dan isir. Is-Segretarju qalet li din li Skema tkopri Triq il-Gudja u Triq tal-Barrani. Is-Sur Abdilla zied jghid li Tal-Barrani hija taz-Zejtun u mhux ma' Hal Ghaxaq. Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lill-ADT u tistaqsi min ghamel it-talba taht li Skemi ta' Ippjanar Kontrollat.

b) E-mail mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Tibdil fil-Website; żewġ e-mails mill-istess Dipartiment dwar id-Data tal-Kunsillieri sabiex tiġi ċċekjata w li fil-ġranet li ġejjien għandna nirċievu ic-cd bl-idejn dwar ir-ritratti li ttieħdu waqt il-Ġurament fit-30 ta' xahar li għada, rispettivament;

c) E-mail mill-A.K.L. dwar ir-Riforma fil-M.E.P.A., sabiex jekk il-Kunsill Lokali għandu xi kummenti x'jagħmel dwar dan, dawn iridu jaslu lill-istess Assoċazzjoni sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 24 ta' Lulju, 2009;

d) E-mail mingħand Ms C. Busuttil tal-WasteServ Malta Ltd., infurmat biex kull mistoqsija lil WasteServ għandha tintbagħat fuq info@wateservmalta.com.

e) E-mail mingħand is-Sur T.Debono ta' l-ADT fir-rigward ta' x-xogħol li qed isir minn Schembri Infrastructures Ltd. f'isem il-Kunsill Lokali w annessi hemm anki xi rapporti.

f) E-mail mingħand Ms M. Bonnici li toqgħod iz-Zejtun, din qed tilmenta fuq il-munzell ħmieġ li hemm ħdejn il-*Bus Shelter* ta' Bir id-Deheb sabiex tittieħed azzjoni dwar dan. Il-Kunsill informa lis-Sinj. Bonnici li dak il-*bus shelter* jagħmel parti mal-Kunsill Lokali taż-Żejtun u l-aħjar li dan l-ilment jitressaq għal attenzjoni tal-Kunsill ikkonċernat.

g) Minghand il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern ircevejna dokument li jispjega fil-qosor il-process ta' medjazzjoni. Permezz ta' dan min ikollu kwistjoni legali jkun jista' jsolviha bi toroq irhas u aktar veloci.

h) L-Ghaqda Muzikali San Guzepp Hal Ghaxaq qed jifirhu lis-Sindku w l-Kunsilliera li gew eletti fl-ahhar elezzjoni.

i) Il-MEPA baghatet App. Nru 2848/09 dwar alterazzjonijiet biex isiru *basement garages*, ufficcju u *terraced houses* fi Triq il-Pitiross.

j) Minghand abadkus solutions dwar servizzi li joffru fuq l-internet.

k) L-ETC infurmawna li qed joffru is-servizz ta' korsijiet b'xejn fil-Malti, Ingliz u Basic Skills. Dawn isiru f'post adekwat provdut mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-ETC tigi infurmata li l-Kunsill jixtieq li dawn il-korsijiet isiru.

l) Stedina mil-Ghaqda Muzikali Santa Marija ghall-Programmi Vokali u Strumentali nhar il-Hamis 30 ta' Lulju fis-7.30 wara jsir riceviment u nhar it-Tlieta 11 ta' Awissu. Is-Segretarju flimkien mal-Kunsilliera Agius se jiehdu hsieb jixtru ir-rigal li l-Kunsill fis-seduta ta' qabel kien iddecieda li jinghata ghall-okkazjoni. L-infieq fuq dan ir-rigal ikun ta' madwar l-istess prezz li ntefaq qabel meta inxtara rigal lill-Ghaqda ta' San Guzepp. Il-Kunsill ikkonferma li ser jattendi ghal dawn is-serati.

m) Minghand Dun Mario Said il-kappillan li jixtieq li jitnehhew li skips minn madwar il-knisja. Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lill-Dun Mario biex jinfurmawh li minhabba li l-iskips huma l-uniku servizz li ghandhom in-nies tal-madwar, l-iskips

ser jitressqu biex it-twieqi jkollhom aktar arja, u jekk il-Kappillan ghandu soluzzjoni fejn jistghu jitpoggew li skips il-Kunsill jikkunsidraha.

n) Il-MEUSAC ser jorganizzaw Seminar nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009 bit-tema Life+ Funding Programme, specifikat ghal beneficcju tal-Kunsilli Lokali u NGO's. Dan ser ikun dwar l-ambjent u ser isir bl'ingliz. Il-Kunsillier Picco ser jattendi ghal dan is-Seminar.

o) Ircevejna l-Agenda u l-Minuti prezentati fil-laqgha tal-Kumitat Kongunt li ser issir nhar is-27 ta' Lulju 2009.

p) Is-Sur Charles D'Alfonso, Manager L-ADT informa lill-Kunsill Lokali kif ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-mod kif qeghdin jintalbu l-permessi biex isir ix-xoghol minn Schembri Infrastructures f'isem il-Kunsill mhux accettabbli. Dan gara wara li l-Perit Mark John Scicluna talab ghal estensjoni tal-permess.

q) L-AKL qed taghmel survey dwar is-Servizz "Cash in Transit". Qed tistaqsi jekk il-Kunsill hux interessat li jidhol f'pool ghal dan is-servizz.

3.2 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li bagħat ittri :-

1) E-mail lill-Perit M. J. Scicluna sabiex jestdeni l-permess tax-xogħol li qed isir fi Triq iċ-Ċeppun, Triq il-Ħatem u Triq Dun M.Mallia;

2) Ittra lil kull Għaqda Lokali sabiex jaħtar rappreżentanti għas-Sotto-Kumitati.

3) *Reminder* lill-A.D.T. dwar it-talbiet li għamel il-Kunsill ta' din is-sena kollha u li bqajna ma rċevejnix risposta dwarhom minn naħa tagħhom.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

4.1 *Petty Cash*: Is-Segretarju elenka infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Mejju-Gunju 2009 u li kienu jammontaw għal €39.49 Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti w ippropona li jkunu adottati. Issekonda s-Sur Attard u l-Kunsill approvahom.

4.2 *Skeda ta' Ħlas – Gunju 2009*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Gunju 2009 u li jammontaw għal €59,734.50.

Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mil-kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. <u>Ħatra ta' Sotto Kumitati</u>

Is-Segretarju qal li fil-bidu ta' leġislatura jinħatru dawk is-sotto-kumitati li l-Kunsillieri jaħsbu li jistgħu jagħtu kontribut biex jitwettqu l-ħidmiet tal-Kunsill.

Is-Sur Abdilla ippropona lis-Sinjuri Emanuel Vassallo, Rose Agius, Joe C. Azzopardi u Roderick Camilleri għas-**Sotto-Kumitat tal-Finanzi.**

Is-Sur Abdilla ppropona lis-Sinjuri Austin Camilleri u Joe Picco għas-**Sotto-Kumitat ta' l-Ghaqdiet**.

Il-Kunsillier Attard propona lis-Sinjuri Dione Zammit u Michael Borg **għas-Sotto-Kumitat ta' li Sports**

Is-Sindku u l-Kunsillier R. Agius se jipproponu persuni għas-Sotto-Kumitati tagħhom f'Seduta oħra.

IL-persuni nominati ġew approvati.

**6. Suggerimenti mill-Kunsillieri**

1) Is-Sinjura Agius regghet fakkret il-Kunsill dwar ir-rigal li se jinghata ghal ftuh tal-binja tal-Kazin ta' l-Għaqda Santa Marija.

2) Is-Sur Vassallo qal li jinhtieg bowser ilma fit-8 ta' Awissu biex titnaddaf il-pjazza Santa Marija l-ghada tal-kuncert li ser isir mil-Ghaqda Santa Marija. Il-Kunsill qabel.

3) Is-Sur Attard qal li hemm il-htiega li jingiebu 8 skips extra minhabba l-kuncert tas-7 ta' Awissu 2009. Il-Kunsill qabel.

4) Is-Sur Attard qal ukoll li l-iskip li hemm quddiem il-kazin ta' Santa Marija xi hadd qieghed inizzilha l-isfel minn posta. Gie deciz li ta' li scammel jigi avzat biex itellaghha iktar il-fuq kull meta jbattalha.

5) Is-Sur Picco issuġġerixxa li jekk il-kuntrattur ta' li skips ma jghatiex servizz tajjeb kif suppost il-pagament taghhom ma jsirx. Il-Kunsill qabel unanimament.

6) Is-Sur Abdilla qal li mhux qieghed jara l-avvizi tal-laqghat tal-Kunsill fil-gazzetti. Is-Segretarju qalet li ser ticcekkja dawn hux qeghdin jintbaghatu.

7) Is-Sur Abdilla qal li individwu li ghandu l-hanut f'Wesgha Bir-id-Deheb bl-isem ISTANBUL qieghed jokkupa il-parking bases hdejn il-hanut tieghu b'materjal biex hadd ma jkun jistgha jipparkja. Qal ukoll li dan l-individwu hemm bzonn inkellmuh ghax gie mwissi kemm il-darba u qieghed jghid li hu jaf is-Sindku u li jghati donazzjoni lill-kunsill. Is-Segretarju qalet li hi ma taf bl-ebda donazzjoni u qalet ukoll li hi diga kellmitu lil dan l-individwu w kien arroganti hafna maghha. Is-Segretarju qalet li ser tikteb ittra lil din il-persuna biex tigi l-Kunsill halli tkellimha. Minhabba li suppost Bir-id-Deheb hemm is-CCTV cameras biex iharsu l-akwati mil-kontravenzjonijiet, is-Segretarju qalet li cemplet u kitbet lill-Sterling Sercurity minn fejn giet mgharrfa li dawn il-cameras huma mitfijien. Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill qatt ma gie infurmat li dawn il-cameras se jintfew ghalhekk qal lis-Segretarju biex igib it-taghrif halli l-Kunsill ikun jaf minn ta l-istruzzjonijiet biex dawn jintfew. Il-Kunsill qabel.

8) Is-Sinjura Agius qalet li l-wardens mhux qeghdin jidhru Hal-Ghaxaq u staqsiet jekk dawn ghadhomx jigu. Is-Sindku wiegeb li dawn jigu 10 sieghat fil-gimgha

izda mhux dejjen fl-istess hin. Is-Sur Picco staqsa jekk hux vjabbli li zzomm il-wardens. Is-Sur Abdilla qal li jekk il-Kunsill ma jzommx il-wardens, il-Gvern xorta jibghathom.

9) Is-Sur Vassallo qal li hemm bankina Triq iz-Zejtun hdejn il-kurcifiss li hemm il-htiega li titranga. Il-Kunsill qabel.

10) Is-Sinjura Agius qalet li hemm bzonn il-Kunsill jerga jikteb lill-Onor. Jason Azzopardi Segretarju Parlamentari ghad-devoluzzjoni tat-Turretta li hemm f'Dawret Hal-Ghaxaq, ghax jekk din ma jehodhiex il-Kunsill se jitolbuha Din l-Art Helwa. Is-Sindku qal li din qeghda mikrijja u ghalhekk il-Kunsill jitlob li meta din il-kirja tispicca din it-Turretta tghaddi f'idejn il-Kunsill. Is-Sinjura Agius qalet li l-kuntratt tal-kera ta 'dan il-post mhux bil-fors jiggedded wara sena u ohra. Il-Kunsill qabel li terga tintbaghat ittra lill-Onor. Azzopardi.

11) Is-Sur Picco staqsa fi xhin suppost jispiccaw il-haddiema li l-Kunsill ghandu ta' l-IPSL u l-iehor tal-Public Works ghax id-drabi li kien il-Kunsill filghodu dawn mal-10.30 ikunu diga telqu. Is-Sindku qal li jekk hu jzomm il-haddiema sal-hin dawn ma jghamlu xejn ghalhekk hu jatighhom bicca xoghol u x'hin ilestuha dawn jitilqghu. Is-Sur Picco zied jghid li zgur li dawn nistghu nutillizzawhom ahjar u nuzawhom aktar ghax hawn hafna xoghol xi jsir fir-rahal, jekk jghatu imqar siegha ohra dan ikun ta' beneficcju ghar-rahal. Is-Sinjura Agius qalet li hawn hafna bzonnijiet xi jsiru w mhux sewwa li dawn jitilqu minn fuq ix-xoghol.

Is-Sur Picco staqsa minn hu responsabbli ghal dawn il-haddiema, is-Sur Abdilla qal li s-Segretarju hi responsabbli. Is-Segretarju qalet li hi kienet izzomm il-haddiema tal-*IPSL* u tal-*Public Works* ghal aktar hin fil-prezenza tas-Sur Attard is-Sindku kien oġġezzjona u qal li r-responsabilita tal-haddiema se jehodha hu u jirrispondi ghalihom hu.

12) Il-Kunsillier Picco qal li xtaq li jkun hemm sistem tal-filing fl-ufficcju aktar organizzata u jehtieg li titranga, jinxtraw aktar files, etc. Il-Kunsill qabel.

13) Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill kien hawn sistema tal-posta *In* u *Out* w kien jitnizzel kollox fil-kompjuter biex wiehed ikun jaf meta u fejn giet iffajljata ittra. Il-Kunsill qabel li din is-sistema terga tigi introdotta.

14) Is-Segretarju qalet li minhabba li l-Kunsill jiehu hafna ritratti jkun aktar vjabbli li minflok li dawn jigu zviluppati barra tinxtara *digital camera printer* u dawn isiru fil-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

15) Il-Kunsillier Picco staqsa jekk dan il-haxix li jikber that il-bankina tistghax issir bhala skirting tas-siment biex dan ma jerghax jikber. Is-Sindku qal li dan ghalxejn ghax il-haxix jerga johrog.

16) Is-Sinjura Agius qalet li fuq il-bankina hdejn il-MUSEUM tal-bniet hemm toqba fonda u jistgha jweggha xi hadd. Il-Kunsill qabel li din tinghalaq.

17) Is-Sindku ressaq site plan tal-ground fejn ser isir il-*mini pitch* u qal li jehtieg li nqabbdu lill-kumpanija NEXOS tad-dawl biex tindika lill-kuntrattur fejn ser isir

id-dawl halli dan ta' l-ahhar ikun jistgha jimxi fuq l-istruzzjonijiet ta' din il-kumpanija. Is-Sinjura Agius qalet li suppost il-pjanta li tintbaghat lill-MEPA li jghamel il-Perit ikun fiha kollox. Is-Sur Vassallo qal li l-ahjar il-Kunsill jikkonsulta man-NEXOS. Il-Kunsill qabel unanimament.

18) Is-Sur Vassallo qal li r-residenti ta Hal Ghaxaq jixtiequ li jsiru l-korsijiet tal-kompjuter. Qal li se jikkuntattja individwu li jghamel dawn il-korsijiet. Il-Kunsill qabel.

19) Is-Sur Vassallo wera ix-xewqa li tintalab tabella ohra tal"MERHBA" minghand l-HSBC. Il-Kunsill qabel.

20) Is-Sur Vassallo qal li minhabbba li ma kienx hemm twegiba ghall-avviz li sar fil-Kunsilli ghal part-time clerk, issa din il-vakanza ser tohrog fil-gazzetti pubblici.

21) Il-Kunsillier Picco staqsa jekk hemmx indikazzjoni ta meta ser isiru t-toroq fil-*Housing Estate*. Is-Sindku qiegeb li l-ewwel il-Kunsill jircievei l-kont tat-toroq li diga saru w skont il-finanzi dawn it-toroq isiru wara.

**Aggornament**

Is-Sindku fis-7.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu 2009 2009 fil-5.00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- It-Tnejn 3 ta' Awwissu 2009 fil-5.00pm,